**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru: 84/2013 MLF**

**Joseph Bowman u Sarah Bowman**

**vs**

**Mohammed Al Nasser**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-atturi li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom l-ammont ta' erbat elef u hames mitt euro (€4500) rapprezentanti danni kagjonati fil-fond tal-atturi wara xoghol mhux skond is-sengha da parti tieghu u dan kif konfermat mir-rapport tal-Perit Nicholas Sammut Tagliaferro.

   Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Jannar 2013 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi l-konvenut wettaq xoghol skond is-sengha u l-hila.

ii. Illi l-attur qatt ma wera jew ghamel xi tip ta' lment fuq ix-xoghol li kien ghamel il-konvenut, anzi dejjem irringrazzjah u fahhru.

iii. Illi l-attur accetta li jhallsu l-ammont li kien fadal bhala bilanc, u anzi talbu wkoll xi zmien ghall-hlas minhabba l-pozizzjoni finanzjarja tieghu.

iv. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda, stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta mill-provi.

3. Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-attur rikonvenzjonant huwa debitur tal-esponenti fis-somma ta' 2000 Euro (elfejn Euro) u tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-istess atturi rikonvenzjonati jhallsuh is-somma hekk dovuta u dan wara li premetta illi:

i. Il-konvenut Mohammed Al Nasser jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro-talba kontra r-rikorrent Joseph Bowman.

ii. Fis-sena 2012, huwa ghamel xi xogholijiet ta' kisi fir-residenza tal-attur, fejn l-attur kien dejjem sodisfatt bir-rizultat.

iii. Illi huwa tah pariri fejn kien hemm bzonn, izda fl-ahhar mill-ahhar obda l-istruzzjonijiet tal-attur u ghamillu dak kollu li huwa xtaq.

iv. Illi l-attur rikonvenzjonat infatti hallas u kien fadallu bilanc ta' Euro 2000 (elfejn Euro), liema bilanc l-attur informah sabiex jistenna minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu.

v. Illi l-konvenut accetta dan.

vi. Madankollu, wara dan l-attur rikonvenzjonat biddel fehmtu li jhallas dan l-ammont u issa iddecieda illi qed isiru xi danni peress illi skont huwa, x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti.

4. Rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

5. Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2013, fejn hatret lil Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku, sabiex izomm access fuq il-post u jisma' x-xhieda.

6. Rat ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri.

7. Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

8. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. L-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmel xi xogholijiet fil-fond taghhom.

   ii. Fix-xhieda tieghu l-attur jghid li l-ftehim mal-konvenut kien li l-kisi fuq il-hitan interni kellu jsir bil-gibs, il-hitan esterni kellhom jinksew bis-silicato, kellhom jinksew ukoll il-planters minn naha ta' gewwa u fihom jitqieghed il-membrane. Jispjega li wara ftit zmien li kienu tlestew ix-xogholijiet, is-silicato beda' jinqala filwaqt li mill-planters beda hiereg l-ilma li baqa' jiskula ghal garaxx. Skond l-attur, b'konsegwenza ta' dan, kellu jerga' jinqala l-madum u jsir mill-gdid u wkoll kellha terga' tigi applikata z-zebgha fil-garaxx. Spjega li f'dan il-process kien skopra li l-konvenut ma kienx kesa il-parti ta' isfel tal-hitan esterni taht il-livell tal-qatran izda kien kesa biss mill-membrane il-fuq bil-konsegwenza li thallew toqob fil-hitan li minnhom beda jiskula l-ilma.[1] L-attur esebixxa zewg kontijiet relattivi ghax-xogholijiet rimedjali, wiehed fl-ammont ta' €9,308.43[2] u iehor fl-ammont ta' €2,717.[3]

   iii. Il-perit *ex-parte* tal-attur Nicholas Sammut Tagliaferro hejja rapport datat 2 ta' Mejju 2013 fejn spjega li bejn Ottubru 2012 u Frar 2013 huwa kien acceda tlett darbiet fuq il-post u innota li kien hemm ingress tal-ilma fil-hitan interni partikolarment madwar l-aperturi esterni. Fir-rapport tieghu l-Perit Sammut Tagliaferro jispjega ulterjorment illi minn investigazzjoni li ghamel hu irrizulta li l-kwalita' tas-silicato ma kinitx adegwata u li ghalhekk dan kien ixxarrab.

[1] Ara x-xhieda tal-attur a fol. 69 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a *fol.* 83 tal-process.
[2] Ara Dok JB170601 a *fol.* 90 tal-process.
[3] Ara Dok JB240601 a *fol.* 92 tal-process.

Skond il-perit *ex-parte* tal-attur, ix-xogholijiet rimedjali jinvolvu li jitnehha u jerga' jsir mill-gdid is-silicato fejn jirrizultaw il-hsarat. Fix-xhieda tieghu, il-perit Sammut Tagliaferro ikkonferma li meta rega acceda fuq il-post ftit tax-xhur wara seta' jinnota li l-hsarat kienu qeghdin jizdiedu. Spjega ukoll li huwa kien inkarigat mill-atturi wara li hargu dawn id-difetti.[4]

iv. Il-konvenut xehed li l-ftehim mal-atturi kien li hu kellu jwettaq biss xoghol ta' kisi u tibjid. Cahad li kien hu li nstalla l-membrane u qal li dan ix-xoghol kien sar minn terzi li kienu inkarigati mill-atturi. Qal li huwa ma kienx parti mill-ftehim bejn l-atturi u t-terzi li nstallaw il-membrane. Spjega li l-ftehim mal-attur kien li l-ewwel kellu jiksi l-konvenut imbaghad kellu jigi installat il-membrane, izda darba minnhom kien mar fuq il-post u sab li l-membrane kien gie installat qabel ma hu kien lesta il-kisi. Qal ukoll li meta kien wasal biex jiksi l-koxox tat-twieqi, l-aperturi tal-aluminium ma kienux imwahhlin. Dwar dan kien gibed l-attenzjoni tal-attur izda l-attur kien qallu biex jiksihom xorta wahda. Xehed li bix-xita l-koxox kienu ixxarbu u ghalhekk il-kisi kellu jerga jsir mill-gdid. Qal li ta' dan ix-xoghol doppju hu kien thallas minghand l-attur.

v. Il-konvenut kompla jghid li xi zmien wara kien rega mar fuq il-post u ra li kien hemm parti zghira mis-silicato li kienet inqalghet. F'din l-okkazjoni kien spjega lill-atturi li s-silicato ma setghax jissewwa izda kellu jinkesa l-hajt mill-gdid. Jghid li l-arrangament mal-atturi kien li huma kellhom ihallsuh €1,000 kull xahar ta' dan ix-xoghol. Jghid li minn dan huwa kien ircieva pagament wiehed biss ghaliex imbaghad l-atturi ma baqghux iwiegbu ghat-telfonati tieghu. Jghid li l-bilanc li ghandhom ihallsuh l-atturi huwa ta' €4,000.[5]

vi. Il-perit tekniku Valerio Schembri[6] ikkonkluda hekk fir-relazzjoni tieghu:

a) il-konvenut ma kienx inkarigat jaghmel xoghol ta' membrane;

[4] Ara x-xhieda tal-perit Nicholas Sammut Tagliaferro a *fol.* 57 u 98 tal-process u r-rapport tieghu a *fol* 59 tal-process.
[5] Ara x-xhieda tal-konvenut a fol 95 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a *fol.* 99 sa *102* tal-process
[6] Ara r-relazzjoni tal-perit tekniku a *fol.* 37 tal-process.

b) fil-kwistjoni tal-perkolazzjoni mill-planters ma jirrizultax illi il-konvenut kellu xi kolpa. Kienet biss id-decizjoni zbaljata li jsir il-membrane galadarba ma kienx hemm kisi li wasslet ghall-allegata hsara a kawza ta' perkolazzjoni.

c) dwar l-allegazzjoni tal-atturi li l-konvenut ma kienx kesa il-hitan esterni taht il-livell tal-qatran, il-perit tekniku ikkonkluda li ladarba dan ix-xoghol kien ghadu ma sarx, qatt ma messu tkompla x-xoghol ta' waterporoofing, torba u madum u li ghalhekk l-allegati danni ma jistghux jigu attribwiti lill-konvenut.

d) id-dannu attribwibbli ghal xoghol hazin li sar mill-konvenut huwa biss dak li jirrigwarda s-silicato, kif jirrizultaw mir-ritratti esebiti mar-rapport tal-perit *ex-parte* tal-attur. Il-perit tekniku ikkonkluda li mill-fattura JB240601 ma jirrizultax liema huma l-partijiet li ssewwew u kemm metri kwadri ssewwew. Ghalhekk il-perit tekniku ikkwantifika dawn id-danni fis-somma ta' €1,000.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Dwar it-talba tal-atturi*

9. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu il-hlas tad-danni subiti minnhom b'kosegwenza ta' xoghol mhux skond is-sengha u l-arti imwettaq mill-konvenut.

10. Il-konvenut ressaq erba' eccezzjonijiet li kollha jolqtu l-mertu tat-talba tal-atturi u li ghalhekk ser jigu kkunsidrati flimkien.

11. B'digriet tat-8 ta' Mejju 2013, din il-Qorti hatret bhala perit tekniku lil Valerio Schembri sabiex izomm access fuq il-post u jisma' x-xhieda.[7] Il-provi effettivament instemghu mill-perit tekniku, li fl-analizi u konkluzjonijiet tieghu dwar it-talbiet tal-

[7] Ara l-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2013

atturi ikkonkluda li verament kien hemm xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha. Madankollu l-perit tekniku ikkonkluda wkoll li m'huwiex minnu li d-danni kollha allegatament sofferti mill-atturi jistghu jigu attribwiti ghal nuqqasijiet tal-konvenut. Il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni li t-talba tal-atturi ghandha tintlaqa limitatament fl-ammont ta' €1,000 bhala rizarciment tad-danni sofferti mill-atturi minhabba dawk il-bicciet ta' xoghol li ma sarux skond l-arti u s-sengha, u mhux fl-ammont shih mitlub mill-atturi.[8]

12. Fis-sentenza fl-ismijiet **Benjamin Camilleri nomine vs Charles Debattista nomine** moghtija fid-9 ta' Frar 2001, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi:

> *"... l-ligi taghti mano libera lill-Qorti illi taccetta jew tirrifjuta l-opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra setghet allura tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu ormai stabilit anke fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat ghaliex dik, kif inghad, tikkostitwixxi element ta' prova importanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant. Finalment kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika ta' l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta."*

13. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-konkluzjonijiet raggunti mill-perit tekniku huma fattwalment u legalment korretti, u dan wara li kkunsidrat illi:

    a. jirrizulta li hemm diskrepanza sostanzali bejn l-ammont mitlub mill-atturi fir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri bhala danni, u cioe is-somma ta' €4,500 u z-zewg fatturi esebiti minnhom waqt il-gbir tal-provi fl-ammonti ta' €9,308.43 u €2,717. Fix-xhieda taghhom l-atturi jonqsu milli jispjegaw din id-diskrepanza u lanqas jittentaw jispjegawha fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Ma huwiex car fuq liema xogholijiet indikati f'dawn il-fatturi l-atturi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom stante li l-ebda wiehed mill-prezzijiet indikati ghal dawn ix-xogholijiet ma huwa ekwivalenti ghall-ammont pretiz mill-atturi.

[8] Ara r-relazzjoni tal-perit tekniku a *fol.* 37 *et seq.* tal-process.

b. ghalkemm mix-xhieda tal-perit *ex-parte* tal-attur jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet fil-mod kif tqieghed il-membrane fil-planters, ma jirrizultax li dan ix-xoghol kien gie mwettaq mill-konvenut. F'dan ir-rigward, mill-provi jirrizultaw zewg verzjonijiet opposti fejn minn naha l-wahda l-attur isostni li hu kien inkariga lill-konvenut jaghmel ix-xoghol kollu inkluz il-membrane u minn naha l-ohra il-konvenut jinisti li l-inkarigu tieghu kien limitat ghal kisi u zebgha biss u li l-uniku involviment tieghu fir-rigward tal-membrane kien li indika lill-atturi l-isem ta' terzi li setghu iwettqu dan ix-xoghol, u li kien estraneju ghal ftehim li l-atturi kellhom ma dawn it-terzi.

c. il-perit tekniku wara li kkunsidra li kien biss fix-xhieda moghtija in kontro-ezami li l-attur semma li x-xoghol tal-membrane kien gie mwettaq mill-konvenut, ikkonkluda li fuq bazi ta' probabilita' ma kienitx attendibbli l-verzjoni tal-attur li l-konvenut kien inkarigat jaghmel ukoll ix-xoghol tal-membrane. Il-Qorti filwaqt li tirrileva li hija taqbel ma din il-konkluzjoni tal-perit tekniku, izzid tosserva li huwa rilevanti ukoll li fir-rapport tieghu datat 2 ta' Mejju 2013, u ghalhekk wara li giet intavolata din il-kawza, il-perit *ex-parte* tal-attur imkien ma jaghmel referenza ghal nuqqasijiet fil-mod kif gie installat il-membrane. F'dan ir-rapport, il-perit tal-atturi jillimita l-osservazzjonijiet tieghu ghat-tixrib tal-hitan u l-kwalita' tal-kisi u jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu dwar ix-xogholijiet rimedjali. Din il-Qorti issibha difficli li taghti kredibilita' lill-verzjoni tal-attur meta jghid li x-xoghol tal-membrane kien gie mwettaq mill-konvenut, meta l-perit tieghu stess li kien acceda fuq il-post fi tlett okkazzjonijiet bejn Ottubru 2012 u Frar 2013, ma kien semma xejn f'dan ir-rigward.

d. fir-rigward tal-allegazzjoni tal-atturi li l-hitan esterni ma kienux miksija taht il-livell tal-qatran, din il-Qorti tqis li hija korretta l-konkluzjoni tal-perit tekniku li dan in-nuqqas ma jistax jigi attribwit lill-attur. Ma huwiex kontestat li x-xoghol ta' tqeghid tal-madum ma kienx imwettaq mill-konvenut u ghalhekk l-attur ma kellux jipprocedi bl-installazzjoni tal-madum qabel ma jaccerta ruhu li l-kisi fuq il-hitan esterni jkun kompletat.

e. mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet fil-mod kif gie applikat il-kisi fuq il-hitan esterni. Dan jirrizulta kemm mir-rapport tal-perit *ex-parte* tal-atturi u kif ukoll mir-ritratti esebit mill-istess perit. Il-fatt li partijiet mill-kisi beda jiqnala' jidher li huwa accettat ukoll mill-konvenut innifsu tant li fix-xhieda tieghu il-konvenut jghid hekk: "*Nghid li jiena mort fuq il-post u sibt li kienet inqalghet bicca zghira mis-silicato. Jien ghidtilha li dik ma tistax tissewwa u jrid isir il-hajt shih.*"[9] Issa huwa minnu li l-atturi esebew fattura datata 20 ta' Gunju 2014 fl-ammont ta' €2,717 fejn bhala xogholijiet hemm indikat "*Removal of Badly installed silicato and re plastering of silicato in various...*".[10] Madankollu din il-fattura ma fiha ebda indikazzjoni ta' kejl jew rati applikati. In oltre, l-atturi lanqas ressqu bhala xhud lill-persuna li ghamlet dawn ix-xogholijiet u rilaxxat din il-fattura sabiex jispjega u jikkonferma ix-xogholijiet imwettqa minnu. Dan in-nuqqas tal-atturi ma ghandux jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiskarta il-likwidazzjoni ta' dawn il-hsarat li wasal ghaliha l-perit tekniku fl-ammont komplessiv ta' €1,000.

14. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut fejn eccepixxa li l-atturi qatt ma lmentaw mieghu u li kienu accettaw li jhallsuh, il-Qorti tosserva li sempliciment minhabba l-fatt li waqt l-andament tax-xogholijiet l-atturi ma kienux ilmentaw mieghu u l-fatt li kienu accettaw li jhallsuh, dan mhux necessarjament ifisser illi l-attur esegwixxa x-xogholijiet skond l-arti u s-sengha.

15. F'dan ir-rigward, fis-sentenza datata 27 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet **Joseph Brownrigg nomine vs Mario Spiteri**, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] irriteniet illi

> *"I. Min jintraprendi xoghlijiet ghandu jassikura l-ewwel nett l-adempjenza tal-ftehim pattwit u fuq kollox li jippresta opra soddisfacenti. Dan fis-sens li ghandu b'obbligu jara li x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. (Vol. XLII P II p 1003);*

[9] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 96 tal-process.
[10] Ara l-fattura immarkata Dok JB240601 a *fol.* 92
[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*II. Skond ir-regoli generali ta' l-inadempiment l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghal finijiet tal-hlas izda b'daqshekk ma jigix ezonerat mir-responsabilita` jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. (Vol. XLI P I p 667);"*

16. Mill-provi rrizulta bla dubju li hemm xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti, u ghal dan in-nuqqas irid iwiegeb il-konvenut.

17. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ser tilqa' t-talba tal-atturi limitatament fis-somma ta' €1,000.

*<u>Dwar il-kontro-talba tal-konvenut</u>*

18. Permezz tal-kontro-talba tieghu, il-konvenut qieghed jitlob li jithallas is-somma ta' €2,000 bhala bilanc tal-prezz tax-xogholijiet imwettqa minnu fuq inkarigu tal-atturi.

19. L-atturi gew notifikati b'din il-kontro-talba talba wara li l-perit tekniku kien ikkonkluda ir-relazzjoni tieghu, u mill-atti processwali ma jirrizultawx li l-atturi intavolaw risposta ghall-kontro-talba tal-konvenut.[12]

20. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jargumenta li fid-dawl tal-fatt li ma saritx oppozizzjoni ghal-kontro-talba tieghu, allura din ghandha tintlaqa' fit-totalita' taghha. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-fatt li l-atturi ma pprezentawx risposta ghall-kontro-talba tal-konvenut ma ghandux ifisser li l-atturi qed jammettu dak allegat mill-konvenut ghaliex huwa principju ben stabbilit li l-kontumacja mhix ammissjoni izda kontestazzjoni.

21. Mill-atti jirrizulta li saret konfuzjoni mill-konvenut dwar il-bilanc allegatament dovut lilu ghaliex filwaqt li fil-kontro-talba talba u fl-ittra ufficjali tieghu datata 13 ta' Frar

[12] Ara r-riferti tan-notifika tal-atturi a *fol.* 111 u *fol.* 114 rispettivament minn fejn jirrizulta li l-atturi gew notifikati bil-kontro-talba tal-konevnut fil-25 ta' Marzu 2017 u fit-18 ta' Lulju 2017. Ir-relazzjoni tal-perit tekniku giet ipprezentata fis-26 ta' Ottubru 2015.

2013[13] huwa indika l-bilanc dovut lilu fis-somma ta' €2,000, meta xehed f'dawn il-proceduri il-konvenut qal li l-bilanc kien fis-somma ta' €4,000. Din il-Qorti ma tista' qatt takkorda ammont illi jeccedi dak pretiz fil-kontro-talba tal-konvenut stante illi dan imur *extra petita*. Ghalhekk, ghalkemm fix-xhieda tieghu il-konvenut qal li l-bilanc dovut lilu huwa ta' €4,000, din il-Qorti hija kostretta illi tikkunsidra biss l-ammont ta' €2,000 kif pretiz mill-konvenut fil-kontro-talba.

22. F'dan il-kaz jidher li l-atturi ma humiex qeghdin jikkontestaw il-fatt li kien ghad fadal bilanc dovut lill-konvenut, tant li in kontro-ezami l-attur xehed hekk: "*Mistqosi f'Dicembru 2012 bghattlux risposta li ser inhallas nghid li huwa minnhu li kkonfermajt li ser inhallas pero d-difetti kien ghadhom ma hargux.*"[14] Fix-xhieda taghhom l-atturi imkien ma jikkontestaw il-*quantum* pretiz mill-konvenut. In oltre, lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, li giet ipprezentata wara li l-atturi kienu gew ufficjalment notifikati bil-kontro-talba, l-atturi ma kkontestaw dan il-*quantum*. In vista ta' dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis li l-bilanc dovut mill-atturi lill-konvenut kien fl-ammont ta' €2,000. Madankollu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jargumentaw illi la darba jirrizulta li x-xoghol ezegwit mill-konvenut kien hazin, allura l-konvenut ma huwiex intitolat ghal pagament.

23. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Joseph Brownrigg nomine vs Mario Spiteri** fuq citata, fejn gie spjegat illi: *"Dan jiddependi minn natura tad-difett riskontrat. Jekk id-difetti ikunu ta' certa gravita, l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-"exceptio non rite adempleti contractus" ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas (Francis Spiteri nomine vs Emmanuele Cassar, Appell Civili 14 ta' Marzu 1975). Jekk minn naha l-ohra, d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (Vol. XXX PII p 433) jew jaccetta riduzzjoni (Angelo Busuttil vs Pio Fedele et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' April 1968; John Bonnici nomine vs Anthony Sammut, Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994; Victor Tabone vs Felix Mifsud, Prim'Awla, Qorti Civili, 5 t'Ottubru 1994)."*

[13] Ara l-ittra ufficjali a *fol.* 103 tal-process.
[14] Ara l-kontro-ezami tal-attur a *fol.* 83 tal-process.

24. In vista tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti dwar it-talba tal-atturi li (i) il-hsarat lamentati mill-atturi ma jistghux jigu attribwiti kollha lill-konvenut, u (ii) biex jissewwew il-hsarat li rrizultaw fix-xogholijiet tal-konvenut, l-atturi kien jehtigilhom jonfqu s-somma ta' €1,000, u cioe' somma inferjuri ghall-bilanc dovut lill-konvenut, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut ma jistax jitqies li hu inadempjenti, u ta' xogholu ghandu jithallas, b'dana illi ghandha ssir riduzzjoni fl-ammont dovut lilu minhabba dik il-parti tax-xogholijiet li ma saritx kompletament skond l-arti u s-sengha. Ghaldaqstant, mill-ammont ta' €2,000 dovut lill-konvenut ghandha titnaqqas is-somma ta' €1,000 dovuta lill-atturi bhala danni ghax-xoghol hazin li sar mill-konvenut.

**Konkluzjoni**

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

2. Tilqa' limitatament t-talba tal-atturi u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf Euro (€1,000), liema danni ser jigu imnaqqsa minn din il-Qorti mill-ammont dovut lill-konvenut.

3. Tilqa' l-kontro-talba tal-konvenut u tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu lill-konvenut is-somma ta' elf Euro (€1,000), bl-imghax li jiddekorri mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**